A.L. 159 ta' l-2004

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija mar-Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali Oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija tar-Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali Oħra) u għandhom jinqraw u jinfthemu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tribunali Lokali (Twaqqif ta' Tribunali u Tismija ta' Reġistru, Reġistratur u Uffiċjali oħra), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-Regolamenti prinċipali. A.L. 140 ta' l-2004.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2004.

Emenda tar-regolament 2 tar-Regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira "awtorità" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"Kumitat Konġunt" tfisser Kumitat imwaqqaf minn numru ta' Kunsilli Lokali skond id-disposizzjonijiet tas-subartiklu (1) ta' l-artiklu 37 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali bl-iskop li flimkiem jamministraw l-infurzar ta' liġijiet u regolamenti delegati lilhom;".

Emenda tar-regolament 3 tar-Regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (b) tar-Regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) Birkirkara;".

Emenda tar-regolament 4 tar-Regolamenti prinċipali.

4. (a) Fis-subregolament (2) tar-Regolament 4 tar-Regolamenti prinċipali minflok il-kliem "għal dak il-għan"

għandhom jidħlu l-kliem "fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt tat-Tribunal rispettiv".

(b) Is-subregolament (8) tar-Regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda tar-Regolament 6 tar-Regolamenti prinċipali.

5. Fir-Regolament 6 tar-Regolamenti prinċipali minflok il-kliem "bejn id-9.00 a.m. u s-7.00 p.m." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bejn id-9.00 ta' filgħodu u s-7.00 ta' filgħaxija skond skeda mfassla mill-Kumitat Konġunt tat-Tribunal rispettiv u approvata mill-Ministru".

Sostituzzjoni tar-Regolamenti 7 sa 9 tar-Regolamenti Prinċipali.

6. Minflok ir-Regolamenti 7 sa 9 tar-Regolament prinċipali għandhom jidħlu r-regolamenti 7 sa 9 li ġejjin:

"Pieni dovuti lill-Kunsilli Lokali.

7. Għall-finijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att, pieni, inklużi pieni addizzjonali u spejjeż li jiġu mposti mit-Tribunali, u nklużi pieni għal disprezz tal-qorti, għandhom, kemm-il darba ma jiġix espliċitament stabbilit xort'oħra, ikunu dovuti lill-Kunsill Lokali u għandhom jinġabru f'isem il-Kunsill mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza legali ta' dak il-Kunsill.

Pieni oħra.

8. Pieni, inklużi pieni addizzjonali u spejjeż relattati ma' proċeduri taħt xi liġi jew regolamenti li l-infurzar tagħhom mhuwiex delegat lill-Kunsilli Lokali u li jistgħu, skond kif ikun speċifikat fl-Att ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta għandhom jinġabru mir-Reġistratur f'isem il-Gvern u jitqiegħdu minnu fil-kont tal-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja.

Pieni dovuti lil xi Awtorità.

9. Pieni, inklużi pieni addizzjonali u spejjeż relattati ma' proċeduri taħt xi liġi jew regolamenti li l-infurzar tagħhom mhuwiex delegat lill-Kunsilli Lokali u li jistgħu, skond kif ikun speċifikat fl-Att ikunu dovuti lil xi Awtorità għandhom jinġabru f'isimha mill-persuna li jkollha r-rappreżentanza legali ta' dik l-awtorità".